# DIRETTIVA LI TIĠĠIELED L-ABBUŻ FUQ IT-TAXXA



EDWARD SCICLUNA / Ministru tal-Finanzi



Il-Kummissarju Ewropew għall-Ekonomija, Pierre Moscovici

Ftit tal-ġranet ilu fuq il-mezzi tax-xandir tħabbar li fil-Kunsill tal-Ministri tal-Finanzi tal-Unjoni Ewropea, kunsill li jissejjaħ ECOFIN, intlaħaq ftehim fuq id-direttiva dwar l-evitar tal-ħlas ta' taxxa. Meta ngħidu "evitar ta' taxxa" jfisser meta wieħed juża s-sistema u r-regoli tat-taxxa b'mod legali biex inaqqas u jħallas mill-inqas taxxa possibbli.

Importanti li "evitar ta' taxxa" m'għandu qatt jitħallat mal-evażjoni li tfisser li ndividwu ma jiddikjarax u allura jaħbi biex ma jħallasx it-taxxa dovuta li għandu jħallas.

Fil-laqgħa tal-ECOFIN il-kunsill tkellem dwar l-evitar tat-taxxa fuq skala globali u li dan ifisser li kumpaniji kbar multinazzjonali kif ukoll kwalunkwe kumpanija li topera barra l-pajjiż għal xi pajjiż partikolari rajna li ma jiġix evitat ħlas ta' taxxa li hu mistħoqq u mistenni b'mod li nirreferu għalih bħala b'mod aggressiv.

Il-fatt li l-pajjiżi kollha f'dan il-Kunsill ftehmu jfisser li Malta ftehmet ukoll. Issib lil min jistaqsi u jgħidlek, daqs kemm konna nibżgħu li pajjiżna jaqla' daqqa kbira fuq ftehim bħal dan fl-Ewropa u anke b'mod globali mill-OECD dwar taxxa u li se nitilfu l-vantaġġi u l-kompetittività ta' pajjiżna. X'ġara minnha? Li ġara huwa l-fatt li Malta rnexxielha tikseb ħafna tibdiliet fil-qafas oriġinali minn dawk li kellha f'moħħha l-Kummissjoni u li setgħu pperikolaw il-kompetittività ta' pajjiżna.

Biex irnexxielna niksbu dan kellna naħdmu bla heda tul dawn ix-xhur. Ħidma li nvolviet ħafna laqgħat sew mal-Kummissarju Moscovici għall-aktar minn darba kif ukoll kellna laqgħat waqt il-presidenza Olandiża mal-Ministru Jeroen Dijsselbloem, iltqajna wkoll mal-eks Kummissarju fuq is-settur tas-servizzi finanzjarji Lord Hill u ltqajna wkoll f'Pariġi mal-kap tat-taxxa tal-OECD innifisha li bdiet u oriġinat il-famuż rapport bi 15-il rakkomandazzjoni li jirrigwarda l-Base Erosion Profit Shifting (BEPS).

L-iskop aħħari ta' dan il-ftehim huwa li l-kumpaniji jħallsu t-taxxa fejn ikollhom l-attività għaddejja u mhux fejn iridu huma għax hekk jaqblilhom. Dan il-ftehim sar għax hu magħruf li xi kumpaniji kienu joħolqu kumpaniji artifiċjali f'ċerti pajjiżi sabiex jgħaddu l-flus minnhom u b'hekk jirnexxilhom iħallsu l-inqas ammont ta' taxxa. Jiġifieri jiddikjaraw profitti anke f'pajjiżi li ma joperawx fihom bl-iskop li jevitaw mit-taxxa.

B'riżultat ta' dan, pajjiżi bħall-Ingilterra, il-Ġermanja, Franza u ġieli anke Malta, jispiċċaw bit-taxxa dovuta lilhom imħallsa bnadi oħra għar-raġuni ta' dawn l-eżenzjonijiet u taxxi baxxi.

Meta nagħtu ħarsa lejn pajjiżna, bl-attività li kumpaniji barranin għandhom f'pajjiżna, Malta kellha xi riservi u għalxiex tinkwieta xi ftit bit-text oriġinali li l-Kummissjoni ppreżentat għal din id-direttiva. Dan minħabba l-fatt li l-attività reali diffiċli tiddistingwiha minn dik artifiċjali. Huwa minnu li preżenza titlob li jkollok l-uffiċini bil-kompjuters u n-nies joperaw fl-istess uffiċċju mqar ħames persuni, l-aqwa li jkollhom attività reali u mhux entità artifiċjali. Però r-realtà mhix daqshekk sempliċi.

L-ikbar biża' li pajjiżna kellu kienet dwar is-sistema ta' taxxa li jħaddan pajjiżna. Sistema li hija unika meta mqabbla ma' sistemi ta' pajjiżi oħra fejn il-kumpaniji jħallsu rata ta' 35% għalkemm meta jitqassmu d-dividends sew f'Malta u sew barra jingħataw rifond ta' parti ta' din it-taxxa skond l-istatus ta' min jirċevihom. Dan jagħmel lil pajjiżna attraenti u ma jagħmel xejn ħażin li pajjiż ikollu taxxa baxxa biex jikkompeti. Din għamilniha ċara ma' kulħadd.

Bħal Malta, il-pajjiżi l-oħra fi ħdan il-Kunsill tkellmu u għamlu l-punti tagħhom.

Għal Malta huwa mportanti li ġibna dan ir-rispons pożittiv minn dawn l-awtoritajiet li m'għandhomx f'moħħhom li jattakkaw is-sistema u l-istruttura ta' taxxa ta' pajjiżna u allura stajna nilħqu kompromess. Għalkemm huwa minnu wkoll li f'ċertu affarijiet Malta, bħal kull pajjiż ieħor, se jkollha taċċetta regoli ġodda.

Dan kollu sar bil-għan biex kumpaniji ma jkunux jistgħu jevitaw xi taxxi billi jilagħbu pajjiż kontra l-ieħor b'dik li ngħidulha *interest limitation payments* jew bil-*controlled foreign companies* (CFCs). Dawn li għadni kif semmejt huma nomenklaturi li min hu midħla fis-servizzi finanzjarji u l-financial practitioners jafu li huma għodod biex kumpaniji jispiċċaw iħallsu kemm jista' jkun inqas jew f'ħafna jew drabi oħra ma jħallsu xejn.

Pajjiżna huwa kuntent li mingħajr ma sabbat saqajh u hedded li juża l-veto, rnexxielu jiġbed l-attenzjoni mingħajr ma jitlef ir-reputazzjoni tiegħu. Dan speċjalment fi żmien ta' bħalissa meta għajnejn id-dinja qiegħda fuq ċerti tax havens bħalma huma l-Caymen Islands u l-Panama.

Aħna li għamilna bħala Gvern kien li rbaħna bil-konvinzjoni mal-ogħla awtoritajiet sew fl-OECD u kemm fl-Unjoni Ewropea. Lil hinn minn dan kollu qbilna wkoll ma' pajjiżi oħra li allenjaw ruħhom magħna biex nirreżistu xi tibdil li seta' weġġa' l-kompetitività ta' pajjiżi Ewropej fis-servizzi finanzjarji.

Qbil biex dak li ġie maqbul ma jagħmilx ħsara lil pajjiżna, iżommu kompettitiv u li jkompli jżid in-negozju tiegħu billi jkollu wkoll taxxa kompettitiva.

# Lis-saċerdoti ġodda

Sur Editur,

Nixtieq nawguralhom lil dawn iż-żgħażagħ li b'qalb miftuħa, f'dinja materjalista u dinja ta' egoiżmu, qalu iva lil Ġesù biex jgħinuh fil-fidwa ta' tant nies li Alla l-Imbierek sejjer ilaqqaħhom magħhom. Kien hemm saċerdot li fl-1841 ħa l-quddiesa. Dan is-saċerdot kien Dun Bosco, li bena ħajtu fuq l-Ewkaristija u l-Madonna, żewġ kolonni li huma indispensabbli biex ikollna saċerdoti qaddisin.

Minbarra dawn iż-żewġ kolonni li semmejt, li nixtieq li s-saċerdoti jibnu fuqhom, jiena nawgura wkoll lil dawn iż-żgħażagħ li huma wkoll jżommu dawn l-ideali ta' dan il-qaddis. "Ħuduli kollox u aghtuni l-erwieħ". Kollox! Għasfur ikun marbut b'ħajta ma' siequ jew b'katina. xorta waħda ma jistax itir 'il fuq. Hekk hi l-ħajja tas-saċerdot, ikun maħlul minn kollox għall-ġid tal-erwieħ, u jgħix iċ-ċelebat. "A service with a smile", kif tgħid Madre Tereża. Nawgura wkoll li jżommu wkoll dawn il-kelmiet f'ħajjithom, kelmiet ta' Dun Bosco, qabel iqaddsu: "Din hi l-ewwel quddiesa tiegħi; l-unika u l-aħħar quddiesa tiegħi". Dawn huwa importanti għax il-ħeġġa u l-entużjażmu jistgħu jbattu fl-appostolat, iżda xorta wieħed irid jibqa' għaddej b'żelu appostoliku man-nies.

Madre Tereża wkoll għaddiet minn din in-nixfa, damet 50 sena, u lis-sorijiet kienet tgħidilhom: "Fejn hu Ġesù?" Iżda xorta baqgħet għaddejja bl-appostolat. Ftakru għeżiez li l-ħajja ċelebi hija rigal kbir għalikom, u din il-ħajja trid tkun forma ta' salib, imħabba bla limitu lejn Alla u imħabba ta' servizz għall-proxxmu. F'din il-ħajja, jgħid l-Papa, Alla ma jeħdilkom xejn, anzi jagħtikom ferħ kbr f'qalbkom.

Fl-aħħar nawguralhom li jiddedikaw ħafna ħin għall-qrar. Dan għaliex hawn ħafna nies b'qalbhom muġugħa, u jixtiequ jiftħu qalbhom ma' xi ħadd li verament jista' jgħinhom bħalma hu dan is-Sagrament tal-Qrar. Iva ġbieb, jekk in-nies nipprovdulhom servizz ta' qrar, dawn jiġu. Awguri.

CARMEL CARUANA,
San Ġwann



Don Bosco